MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2013

Citazzjoni Numru. 68/2011

**AB**

**vs**
**Dr Yana Micallef Stafrace u l-Prokuratur Legali Gerald Bonello li b'digriet tal-14 ta' Marzu 2011 gew nominati bhala kuraturi Deputati halli jharsu l-interessi tal-assenti CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi l-kontendenti f'din il-kawza zzewgu u dana skont l-Att taz-Zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. 'VH1';

2. Illi z-zwieg ta' bejn il-kontendenti thassar irrevokabbilment minhabba vjolenza, mohqrija, sevizzi gravi, ingurji u abbandun da parti tal-konvenut fil-konfront

tal-attrici, kif ukoll minhabba inkompatibilita' ta' karattru ta' bejn il-kontendenti;

3. Illi miz-zwieg m'hemmx tfal;

4. Illi l-attrici giet debitament awtorizzata halli wara l-process ta' medjazzjoni hi tipprocedi permezz ta' din il-kawza ghal separazzjoni personali minn ma' zewgha [Dok. 'VH2'];

Talbet ghar-ragunijiet hawn fuq premessi li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

(1) Tippronunzja s-separazzjoni personali ta' bejn il-kontendenti;

(2) Tikkundanna l-konvenut ihallas manteniment adegwat ghaliha;

(4) Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni, taqsamha f'zewg porzjonijiet applikando kontra l-konvenut is-sanzjonijiet ikkontemplati fil-ligi u tassenja wahda lill-attrici u l-ohra lill-istess konvenut, bin-nomina okkorrendo ta' perit biex jaghmel l-imsemmija likwidazzjoni u jipproponi pjan ta' qasma, u okkorrendo ta' Nutar Pubbliku biex jircievi l-att opportun u kuratur biex jirrapprezenta l-eventwali kontumaci fuq l-istess att;

(5) Tapplika l-Artikolu 48 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta stante huwa l-konvenut li huwa unikament hati tal-firda minn ma' l-attrici u ghalhekk ghandhom jigu applikati l-effetti kollha ta' l-imsemmi artikolu fil-konfront ta' l-istess konvenut;

(6) Tiddikjara li l-attrici irrivertiet ghal kunjom xbubitha u cioe' 'Abela';

(7) Tikkundanna lill-konvenut ihallas l-ispejjez kollha tal-proceduri odjerni stante illi l-attrici m'ghandha tbati l-ebda forma ta' spejjez billi l-firda ma kinitx it-tort taghha izda tort unikament tal-konvenut.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut u l-istess konvenut minn issa ingunt in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati Dr Yana Micallef Stafrace u PL Gerald Bonello, li *in forza* taghha huma eccepew :

Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u ghalhekk qeghdin jirriservaw d-dritt li jipprezentaw risposta motivata f'kaz u jekk jigu edotti mill-fatti;

Salv risposta ulterjuri;

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati Dr Yana Micallef Stafrace u PL Gerald Bonello;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha kawza ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet fejn l-attrici tikkontendi li z-zwieg tkisser u tfarrak ghal ragunijiet li huma imputabbli unikament lill-intimat zewgha.

Il-Qorti tirrileva li permezz tan-nota ta' eccezzjonijiet taghhom il-kuraturi deputati appuntati sabiex jirrapprezentaw lill-intimat assenti ddikjaraw li m'humiex edotti mill-kaz u rriservaw li jipprezentaw risposta guramentata ulterjuri f'kaz li jirnexxilhom jottjenu aktar informazzjoni dwar il-kaz odjern.

**<u>Il-VERZJONI TAL-ATTRICI</u>**

L-attrici tikkontendi li hi u l-intimat izzewgu nhar il-21 ta' Marzu 2001[1] u frott ta' dan iz-zwieg ma twieldu ebda ulied. Il-partijiet kienu fil-fatt iltaqghu ftit tax-xhur qabel, precizament f'Novembru 2000 u minn hemm nibtet ir-relazzjoni taghhom. L-intimat, qabel iz-zwieg dejjem wera li kellu intenzjonijiet tajba tant li kien jghidilha bl-aktar mod car li ried li jibqa' Malta sabiex ir-relazzjoni taghhom tkompli peress li kien sar ihobbha u li ried iqatta' l-kumplament ta' hajtu maghha. Minkejja t-twissijiet tal-hbieb u l-qraba li qalulha li l-probabbilita' hi li l-intimat kien qed jidhak biha, hija emmnitu ghax kienet tara hafna rispett minnu. Kien ghalhekk li ddecidiet li tizzewgu, minkejja li tali zwieg sar minn wara dahar il-qraba taghha u wliedha stess (li mhux ulied l-intimat).

Wara z-zwieg, l-attrici tatu xi flus bl-intenzjoni li jiftah hanut izda tali hanut inghalaq wara madwar sena meta l-intimat beda jbiegh fuq il-monti. Fil-frattemp kien qieghed imur is-Sirja, pajjizu wahdu filwaqt li kien iwieghdha li kien ser itiha lura l-flus kollha li sellfitu ghall-hanut izda dan baqa' qatt ma sar. Kien f'dan iz-zmien li l-attrici ntebhet li l-intimat ma kienx sincier maghha u bdew jinqalghu l-argumenti. Waqt il-mawriet tieghu fis-Sirja, l-intimat ma kienx icempel tant li kienet kull darba tahseb li mhux ser jirritorna lura. Sakemm imbaghad, f'Dicembru 2008, bl-iskuza li kien ser imur igib xi merkanzija minn Londra, telaq u qatt ma rega' gie lura u minghajr ma qatt rega' ghamel xi forma ta' kuntatt maghha.

Minhabba dan l-abbandun, l-attrici thoss li l-kondizzjoni medika taghha tad-dipressjoni iggravat izda issa, miexja 'l quddiem u ilha sena u nofs li harget mill-isptar Monte Carmeli. Taghlaq billi tghid li thossha uzata minnu u li ghalih, dan kien biss zwieg ta' konvenjenza u xejn aktar.

## IL-PROVI MIGBURA QUDDIEM DIN IL-QORTI

Permezz tal-affidavit taghha, l-attrici tikkontendi li formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet

[1] Kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg esebit a fol 4 tal-process

hemm il-fond bin-numru 221c, Flat 1b fi Triq ir-Repubblika Valletta u li fuqu hemm *loan* mal-HSBC Bank Malta Plc li kien jigi mhallas mill-intimat ghax kien hu li xtaq li jixtri dan l-appartament izda ma tafx jekk tali *loan* baqghetx tithallas minnu. Tiddikjara li m'ghandha ebda pretensjoni fuq l-imsemmi appartament *stante* li m'ghandhiex minn fejn thallas id-dejn li hemm fuqu peress li hija pensjonanta u l-introjtu taghha jmur biex thallas ghall-akkomodazzjoni f'dar residenzjali tal-anzjani f'Sa Maison.

Mix-xiehda tar-rapprezentant tal-Bank of Valletta rrizulta li l-partijiet ghandhom kont wiehed biss li ghadu attiv, liema kont huwa *joint*[2]. Fuq il-kont hemm zbilanc ta' €1072.05 apparti l-imghaxijiet tant li x-xhud jiddikjara li dan il-kont qieghed fir-*recoveries department*.

Mix-xhieda tar-rapprezentant tal-HSBC Bank Malta Plc rrizulta li l-intimat ghandu *savings account* u *current account* b'bilanc ta' zero ghalkemm huma attivi. Hemm ukoll zewg *loan accounts* f'isem l-intimat li flimkien jammontaw ghal €12650.29[3] filwaqt li hemm tliet *loan accounts* f'isem iz-zewg partijiet li kumplessivament jammontaw ghal €39,037.53[4].

Illi ghalhekk jirrizulta li formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet hemm biss il-fond fi Triq ir-Repubblika Valletta li l-attrici tiddikjara li m'ghandha ebda pretensjoni fuqu u dejn mal-banek li b'mod kumplessiv jammonta ghal aktar minn €52,759.97 *oltre* l-imghaxijiet li ghadhom jakkumulaw.

## DWAR IT-TALBA GHAS-SEPARAZZJONI PERSONALI

Dwar l-ewwel talba, il-Qorti fl-ewwel lok taghmel referenza ghal Artikolu 41 tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jsegwi hekk:

---

[2] Ara Dok. RA1 esebit a fol 48 tal-process

[3] Ara Dok. AG3 u AG4 esebiti a fol 144 u 148 rispettivament

[4] Ara Dok. AG5, AG6 u AG7 esebiti a fol 152, 157 u 161 rispettivament

"***Kull waħda mill-partijiet miżżewġa tista' wkoll titlob ilfirda jekk, għal sentejn jew iżjed, tkun abbandunata mill-oħra, mingħajr raġuni tajba***".

Permezz tal-affidavit taghha l-attrici tiddikjara li l-intimat qabad u telaq f'Dicembru 2008 u qatt ma regghet semghet b'ahbaru. Il-Qorti m'ghandha ebda prova kontrarja ghal dak li qed issostni l-attrici u tiddikjara wkoll li ma tara ebda raguni ghala m'ghandhiex taghti kredibilita' lil tali verzjoni. Tenut kont ta' tali abbandun li skond dak li tghid l-attrici, sar minghajr ebda raguni ta' xejn, allura t-talba taghha ghas-separazzjoni personali ma tistax ma tintlaqax.

**<u>DWAR L-APPLIKAZZJONI TAL-ARTIKOLU 48 ET SEQ KONTRA L-INTIMATA</u>**

L-artikolu 48 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

(1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef -
(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;
(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;
(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-Qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda millpartijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;
(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.

Il-Qorti, kif diga' kellha l-opportunita' li tiddikjara, hija moralment konvinta sal-grad rikjest mill-ligi li l-firda bejn il-

partijiet huwa unikament responsabbli l-intimata minhabba l-abbandun totali li kkommetta fil-konfront tal-attrici. Tenut kont tal-fatt li hekk kif diga' inghad, il-Qorti hija moralment konvinta li l-intimat huwa unikament responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg il-Qorti ma tara ebda raguni valida ghala m'ghandhiex tapplika s-sanzjonijiet tal-Artikolu 48 *et seq* kontra l-intimat.

**<u>DWAR IT-TALBA GHAX-XOLJIMENT TAL-KOMUNJONI TAL-AKKWISTI</u>**

Il-Qorti tirrileva wkoll li l-uniku ass formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti huwa l-appartament fi Triq ir-Repubblika. Apparti dan l-appartament, hemm biss dejn. Fic-cirkustanzi, anke tenut kont li jirrizulta car li l-attrici giet abbandunata b'tali mod li spiccat f'sitwazzjoni fejn necessarjament trid tiffaccja d-dejn li halla warajh l-intimat zewgha, il-Qorti thoss li huwa ekwu li tali appartament jigi assenjat b'mod esklussiv lill-attrici, sabiex *se mai* jaghmel tajjeb ghad-dejn li halla l-istess intimat. Ghalhekk il-Qorti qieghda tassenja s-segwenti

**Porzjoni A assenjabbli lill-attrici**:

Il-fond bin-numru 221c, Flat 1b fi Triq ir-Repubblika Valletta flimkien mad-dejn kollu relattiv ghall-istess fond;

**Porzjoni B assenjabbli lill-intimat:**

Il-kontijiet bankarji kollha f'isem l-intimat;

Id-dejn kollu rimamenti mal-banek u ma' terzi, ad eskluzjoni tad-dejn relattiv ghall-fond fi Triq ir-Repubblika, Valletta hekk kif imsemmi aktar 'il fuq.

**<u>DECIDE</u>**

Ghalhekk, ghal dawn il-motivi, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

[1] Tilqa' l-ewwel talba fis-sens li tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, bi htija unika tal-intimat;

[2] Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta’ din it-tieni talba *stante* n-nota ta’ rinunzja esebita in atti datata t-3 ta’ Dicembru 2012;

[3] Tilqa’ it-tielet talba u xxolji l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet skond kif deskritt aktar ‘il fuq f’dan il-gudikat b’dan illi Porzjoni A qed tigi assenjata lill-attrici filwaqt li Porzjoni B qed tigi assenjata lill-intimat assenti u tinnomina lin-Nutar Dr. Sean Critien sabiex jippublika l-att relattiv sa’ mhux aktar tard minn xahrejn mid-data tal-prezenti sabiex tali fond jibda jsejjah b’mod esklussiv lill-attrici u tinnomina lil Dr Anthony Cutajar u PL Sacha Guillaumier bhala kuraturi biex jirrapprezentaw lill-intimat assenti;

[4] Tilqa’ r-raba’ talba;

[5] Tilqa’ l-hames talba;

[6] Tilqa’ s-sitt talba b’dan illi l-ispejjez tal-Kuraturi Deputati mahtura ghandhom jigu sapportati provizorjament mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------